MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 422/1988/1

**L-Avukat Dr. Jose' A. Herrera ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta "*Fenech Oil & Petroleum Co. Limited*"**

**Vs**

**Alfred Pace u Joanne Pace ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta "*Ronasons International Limited*"**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata fit-2 ta' Mejju, 1988, li biha wara li l-attur nomine ppremetta illi l-konvenuti jinsabu inadempjenti versu l-attur fis-somma ta' elfejn, mija u tnejn u hamsin liri Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi (LM2152.08,6), bilanc minn somma akbar, prezz ta' *fuel oil*, lilhom mibjugh u konsenjat;

Ipremetta illi l-konvenuti interpellati, baqghu inadempjenti;

Ipremetta illi jezistu c-cirkustanzi kif kontemplati *ai termini* tal-Artikolu 167/170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jaghtu;

Talbu l-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi m'ghandhiex dina l-Qorti:

(1) Tiddeciedi din il-kawza minghajr ma tisma' l-konvenuti u dan kif provdut *ai termini* tal-Artikolu 167/170 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

(2) Tiddikjara l-konvenuti inadempjenti fis-somma ta' elfejn, mija u tnejn u hamsin lira Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi (LM2152.08,6); u

(3) Tikkundanna lill-istess konvenuti ihallsu s-somma ta' elfejn, mija u tnejn u hamsin lira Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi (LM2152.08,6)

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti jinsabu ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2002, li bih il-konvenuti nomine gew awtorizzati jikkontestaw il-kawza u nghataw 20 gurnata zmien biex jaghmlu l-eccezzjonijiet taghhom;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li *in forza* taghha ecceppew:

1. Illi *in linea* preliminari l-azzjoni attrici tinsab preskritta u dan a tenur ta' l-artikolu tal-Kodici Civili;

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta' konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur nomine;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati mressqa mill-partijiet;

Rat id-digriet ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tal-21 ta’ Ottubru, 1988, li *in forza* tieghu cahdet it-talba ta’ l-attur nomine ghad-differiment tal-kawza biex ikun jista’ jressaq il-provi tieghu f’seduta ohra;

Rat l-appell tal-attur nomine minn dak id-digriet;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tal-21 ta’ Gunju, 1989, li biha ddikjarat bhala irritu u null l-appell interpost mill-attur nomine bir-rikors tieghu u, ghalhekk, baghtet l-atti lill-din il-Qorti biex il-kawza tigi deciza; l-ispejjez ta’ dik l-istanza jkunu a kariku tal-attur nomine appellant;

Rat id-digriet ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat-23 ta’ Jannar, 1990, li *in forza* tieghu cahdet talba tal-attur nomine li jithalla jressaq bhala xhud l-*accountant* tas-socjeta' attrici;

Rat l-appell tal-attur nomine minn dak id-digriet;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tat-2 ta’ Frar, 1990, li *in forza* taghha din il-Qorti akkoljiet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta’ konvenuta u ddikjarat li l-azzjoni attrici hija preskritta skond l-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16, u konsegwentement cahdet it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-attur nomine;

Rat l-appell tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-22 ta’ Jannar, 1992, li biha laqghet l-appell tal-attur nomine u prevja li ddikjarat s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet premessi fit-2 ta’ Frar, 1990, nulla u konsegwentement bla ebda effett fil-ligi, ordnat li l-process ta’ din il-kawza jerga’ jintbaghat lill-ewwel Onorabbli Qorti ghall-kontinwazzjoni u eventwali divisjoni skond il-ligi;  l-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet kwantu ghal nofs kull wiehed minnhom;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-28 ta’ Mejju, 1993, li bis-sahha taghha irrevokat id-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet premessi fit-23 ta’ Jannar, 1990, li bih din cahdet it-talba tal-attur nomine

ghall-produzzjoni tal-*accountant* tas-socjeta' attrici biex jixhed fil-kawza, u ordnat li l-atti ta’ din il-kawza jergghu jintbaghtu lura lill-ewwel Onorabbli Qorti biex din tisma’ x-xhieda kollha tal-attur u ghall-kontinwazzjoni u eventwali decizjoni skond il-ligi; l-ispejjez ta’ dan l-appell jigu sopportati mill-konvenut nomine appellat;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-11 ta’ Ottubru, 2001, li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni dwar preskrizzjoni kif sollevata mis-socjeta' konvenuta, a spejjez taghha, u ordnat fl-istess waqt il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu skond il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat il-verbali li fihom gie registrat li l-partijiet ma kellhomx provi ohra xi jressqu;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjati bejn il-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob hlas ta’ *bunkering oil* li hi pprovdiet lis-socjeta' konvenuta, liema hlas, skond is-socjeta' attrici, jammonta ghall-LM2152.08,6. Is-socjeta' konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni u sussidjarjament, li hi ma ghandha taghti xejn lill-attur nomine. Wara diversi snin ta’ proceduri, digrieti u appelli, din il-Qorti, b’decizjoni tal-11 ta’ Ottubru, 2001, cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif sollevata. Baqa’, ghalhekk, li tigi deciza t-tieni eccezzjoni li tolqot il-meritu.

Is-socjeta’ attrici ppruvat, tramite d-direttur taghha Michael A. Fenech u l-esibizzjoni tal-*invoices* relattivi li t-talba taghha tirreferi ghall-hlas ta’ kunsenja ta’ *fuel oil* lill-diversi vapuri, liema konsenja saret wara talba li saret mis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' konvenuta qed tallega li l-

hlas mhux dovut ghax, bhala fatt, is-socjeta' attrici kkonsenjat lill-vapuri anqas minn dak indikat fuq l-*invoice* li s-socjeta' attrici ghaddiet lis-socjeta' konvenuta. Dan is-socjeta' konvenuta qalitu ghax, skond hi, rrizultalha li s-socjeta' *Mobcal*, li kienet is-socjeta' li tforni z-zejt lis-socjeta' attrici, ikkonsenjatilha zejt f'ammont anqas minn dak indikat mill-istess socjeta' attrici meta l-istess *fuel oil* gie konsenjat lill-vapuri.

Din hi allegazzjoni li trid tigi ppruvata mis-socjeta' konvenuta li allegata, pero', fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta' konvenuta ma rnexxiliex taghmel il-prova rikjest minnha. Bhala prova hemm biss ix-xhieda ta' Alfred Pace li, f'hin minnhom (a fol. 259), qal li, "Il flus *outstanding* kienu ghax l-*owners* tal-vapuri qalulna li meta konna tajniehom iz-zejt, ma kienux hallsuna ghax qalu li ma tax iz-zejt, il-kwalita' li konna ordnajna, ta' qabel. Imbaghad waqafna nahdmu maghhom, sakemm tigi solvuta din il-problema."

Apparti l-fatt ta' din ix-xhieda, wahedha, mhux ammissibili ghax tikkonsisti f'*hearsay evidence*', lanqas ma jirrizulta liema kienu l-vapuri li allegatament hadu n-nieqes u b'kemm. L-allegazzjoni tas-socjeta' konvenuta tfisser li hija giet ccarggjata ghal zejt li, fil-fatt, ma giex konsenjat lill-vapuri, u hi kellha ggib il-prova tal-vapuri milquta, kemm, fil-fatt, hadu zejt, u ta' kemm gew mitluba jhallsu. Din il-prova, pero', baqghet ma saretx.

Fl-ahhar seduta, is-socjeta' konvenuta esebiet kopja ta' ittra datata 12 ta' Novembru, 1985, mahruga mis-*Sea Malta Company Limited*. Dan id-dokument pero', ma giex konfermat minn min irridegieh u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "<u>Xuereb vs Callus</u> deciza fid-19 ta' Ottubru, 1983, jekk id-dokument esebit ma jigix ikkonfermat bil-gurament "ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu". *Oltre* dan, min qari tieghu, jidher li hu bbazat fuq informazzjoni moghtija lill-kumpanija *Sea Malta* mill-*Grand Harbour Installation.* Dak id-dokument, allura, mhux l-ahjar prova, ghax l-informazzjoni giet mehuda minn sorzi ohra, u dawk is-sorzi ohra mhux biss ma gewx

prodotti, izda lanqas gie muri lil din il-Qorti kif u min minn tingabar l-informazzjoni relattiva.

Oltre dan l-*invoices* li ppresentat is-socjeta' attrici, jidhru li gew iffirmati mir-rappresentant tal-vapur in kwistjoni, li rcieva l-konsenja taz-zejt, u s-socjeta' konvenuta kellha, ghalhekk turi ghaliex il-vapur iffirma li rcieva tant kejl ta' zejt, meta fil-fatt, skond is-socjeta' konvenuta, ma rcevietx dak il-kejl. Inoltre, hafna mill-vapuri msemmija fl-*invoices* bhala li gew supliti biz-zejt mis-socjeta' attrici, lanqas jinsabu indikati fil-lista indikata fid-dokument tat-12 ta' Novembru, 1985, u dik l-ittra, wkoll, tghid li l-vapuri in kwistjoni "*were supplied with fuel*", u ma tindikax minn min u c-cirkustanzi tas-*supply*. Kif inghad, kien jispetta lis-socjeta' konvenuta mhux biss li tesebixxi kopja ta' dik l-ittra, izda li tara li dik l-ittra tigi konfermata bil-gurament u, fuq kollox, li s-sorz tal-informazzjoni tigi presentata, spjegata, u muri kif u sa fejn tinewtralizza t-talba attrici. Dan is-socjeta' konvenuta m'ghamlitx, u la ma sostnietx l-eccezzjoni taghha, l-istess ghandha tigi michuda.

Anke l-fatt li l-*invoices* tas-socjeta' attrici jindikaw kejl f'galluni, waqt li d-dokument li esebiet id-ditta konvenuta juri kejl f'*metric tons*, johloq problemi ghax biex issir *conversion* ta' kejl minn gallun ghal *metric tons*, meta l-prodott huwa *gas* jew *fuel oil*, trid tkun taf id-*density* taz-zejt meta gie mkejjel, ghax il-volum taz-zejt ivarja skond id-*density* tieghu, generalment imkejjel *at* 15°C. Din l-informazzjoni ma inghatatx lill-Qorti fl-ebda stadju tal-process.

Ghalhekk, fid-dawl tal-provi prodotti din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tichad l-eccezzjoni relattiva tas-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi previa li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotta, u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM2152.08,6 (elfejn, mija u tnejn u hamsin lira Maltin, tmien centezmi u sitt millezmi) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-presentata ta' din ic-

citazzjoni, cioe', mit-2 ta' Mejju, 1998, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk gia' decizi jithallsu kwantu ghal kwart (¼) mis-socjeta' attrici u tlett kwarti (¾) mis-socjeta' konvenuta, u dan in vista tal-kontribuzzjoni tas-socjeta' attrici ghad-dewmien bla bzonn ta' din il-kawza.

IMHALLEF

D/REG